MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 907/2003

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**James Cefai**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u hdax –il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmi (Lm511.78) u dan wara li premettiet li hija hallset Is-somma premessa a tenur tal-*proviso* tas-sub-inciz (1) tal-artikolu 12 tal-Kap. 104, tal-Ligijiet ta' Malta wara li fil-kawza fl-ismijiet *Elmo Insurance Agency Limited noe et Vs. Cefai James (1499/00 DM)* deciza fl-1 ta' Gunju 2001 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), u li fiha l-konvenut kien

ikkundannat li jhallas id-danni sofferti mis-socjeta' Elmo Insurance Agency Ltd u l-assigurat taghha, flimkien ma' l-imghax dekoribblimill-24 t'Ottubru 2000, u wara li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) sabitu unikament responsabbli tal-incident li sehh f'Hal Qormi nhar l-14 t'Ottubru 2000 meta fil-hin tal-incidenti il-konvenut li kien qed isuq il-vettura CAS-902, proprieta' ta' Jason Cassar (assigura tas-socjeta' attrici), minghajr ma kien kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni vigenti li fil-fatt kienet tkopri biss sewwieqi li ghandhom `il fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena, u wara li ghal liema danni, fis-somma totali ta' Lm511.78, ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici a tenut tas-sub-inciz (1) tal-Artikolu 12 tal-Kap. 104.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatoorja tal-24 ta' Marzu 2003, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Joseph Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha  konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u hdax –il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmi (Lm511.78), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------